Skop u indoli tal-atti kawtelatorji – tlett presupposti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni – tifsira tal-element ta' jedd *prima facie* -talba għall-ħruġ ta' iktar minn mandat kawtelatorju wieħed -ħtieġa o menu ta' nterpellazzjoni qabel it-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju

# MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR. IMĦALLEF
# GRAZIO MERCIECA

Digriet Kamerali

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1352/2018GM

Lay Lay Company Limited (C4534)
kontra
Carmelo Camilleri (534261M),
Grezzju sive Horace Camilleri (145063M) u
Charles Camilleri (389270M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fl-24 t'Awwissu 2018 minn Lay Lay Company Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Carmelo Camilleri, Grezzju sive Horace Camilleri u Charles Camilleri (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimati") biex jinżammu milli b'xi mod ibiegħu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos, sew b'titolu oneruz jew gratwitu, inkella jghabbu, b'xi dritt jew piz, reali jew personali, favor terzi, l-ismha fil-kumpanija kummercjali KHC Enterprises Limited (C18859), jew kwalunkwe interess li jista jkollhom fl-istess kumpanija, jew icedu, jassenjaw, ibieghu jew jirrinunzjaw ghal xi gid jew jedd li ghandha l-istess kumpanija KHC Enterprises Limited b'mod li jnaqqsu l-valur tal-istess ishma, jew jirregistraw mar-Registratur tal-Kumpanija kwalunkwe trasferiment tal-istess ishma, jew jirregistraw fir-Registru Pubbliku jew fir-Registru tal-Artijiet xi trasferiment jew kostituzzjoni ta' dritt fuq kwalunkwe gid appartenenti lill-istess KHC Enterprises Limited, inkluz fuq il-proprjeta bin-numri 152, 154 u 156 Brantamville, Vjal il-Kottoner, Fgura.

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimati għaxart ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-24 ta' Settembru 2018;

Rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-3 ta' Settembru 2018;

Rat l-atti tar-rikors inklużi d-dokumenti esibiti;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet fl-udjenzi tal-24 ta' Settembru 2018, it-23 t'Ottubru 2018 u s-6 ta' Novembru 2018 u tagħthom żmien biex jitransiġu bonarjament il-pendenza ta' bejniethom iżda ma rnexxilhomx jagħmlu dan;

Rat li bi qbil bejn il-partijiet il-Qorti ġiet eżentata mill-obbligu legali li tiddekreta r-rikors fi żmien tletin jum filwaqt li l-Qorti rriżervat li tiddekreta kameralment ir-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi din il-proċedura tikkonsisti f'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni tal-kodiċi ritwali minn kumpannija kummerċjali biex tiżgura li ma jitrasferixxux u ma jgħabbux b'piżijiet ishma ta' kumpannija li l-intimati wiegħduha, permezz ta' konvenju, li jbiegħlha; u lanqas jitrasferixxu jew jgħabbu b'piżijiet proprjeta` immobbli tal-istess kumpannija.

Illi r-rikorrenti ma tgħidx taħt liema provvediment qiegħdha tagħmel it-talba tagħha, iżda m'hemmx dubbju li qiegħdha tużufruwixxi ruħha mir-rimedju mogħti permezz tal-Artiklu 873 – u mhux l-Artiklu 874 kif jallegaw l-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, **tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha** bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji msemmija fil-liġi, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid l-istss kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha (Artiklu 829 kodiċi ritwali). Għalhekk l-iskop tal-proċeduri kawtelatorji huwa li jiġu ndukrati l-jeddijiet vantati mir-rikorrent tul iż-żmien li fih tkun qiegħdha tinstama' l-kawża li jkun fetaħ fil-mertu, biex kemm-il darba jikseb sentenza favurih, din tkun effettiva, u mhux tajba biss biex tiddaħħal fi gwarniċ u tiddendel mal-ħajt. Fi kliem ġurista Taljan kontemporanju: *Sembra perciò doversi concludere che ciò che qualifica la misura cautelare è l'aspetto funzionale rispetto alla tutela ordinaria. La prima, infatti, è concessa al fine di garantire l'effettività della seconda, neutralizzando il pericolo di tardività o infruttuosità che può incombere sul provvedimento finale a cognizione piena in considerazione del tempo resosi necessario per la sua pronuncia. Si tratta, in altri termini, di verificare la sussistenza di un* periculum in mora *non generico, ossia diverso da quello insito in una qualsiasi situazione di attesa.*[1] Għalhekk dak li jiddistingwi t-tutela kawtelari hija l-eżistenza tal-*periculum in mora* u l-funzjoni serventi u strumentali fil-konfront tal-ġudizzju fil-mertu. Trattista ieħor Taljan iddefenixxa r-rimedju kawtelatorju bħala *«provvedimento emesso sulla base di una cognizione di tipo*

[1] Consolo, *Spiegazioni di diritto processuale civile 5, I, Le tutele: di merito, sommarie ed esecutive,* Padova, 2006, paġna 367

*probabilistico, provvisorio (…), sempre strumentale, almeno in via funzionale, ad un provvedimento finale (…), con essenziale scopo di paralizzare il pericolo di danno incombente sul diritto soggettivo dell'istante»*[2]

Illi r-rikorrenti għażlet li titlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li l-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-ġurisprudenza tagħna identifikat tliet elementi li ghandhom jirrizultaw lill-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:-

(1) l-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent;

(2) jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jżomm lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jagħmillu ħsara; u

(3) l-mandat ikun neċessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent (Artiklu 873(1) u (2) kodiċi ritwali). Dwar dan it-tielet element, il-Qorti tixtieq tikkummenta *obiter* li probabilment kien ikun nieqes li kieku ġie mpost fil-kuntratt tal-akkwist mill-intimata, il-privileġġ speċjali kif soltu jsir; iżda f'dan il-każ ma jidhirx illi sar;

Illi fir-risposta tagħha, l-intimata ma tiddefendix ruħha billi teċepixxi li waħda jew iktar minn dawn l-elementi huma neqsin. Issostni, għar-raġuni ġja msemmija, li mhix debitriċi, imma kreditriċi. Dan iżda huwa l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti, li din il-Qorti, f'din il-proċedura, ma tistax tidħol fih. Hekk qalet din il-Qorti, ippreseduta mill-għaref Imħallef Joseph R. Micallef, f'każ li, bħal dan, kien dwar pretensjoni ta' ħlas:

"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qegħda tiddeċiedi l-

[2] Stefano Recchioni, *Diritto processuale cautelare*, 2015

qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din"[3];

Illi r-rikorrent, f'dawn il-proċeduri, m'għandux għalfejn iġib prova tad-dritt tiegħu, għaliex dak huwa riżervat għall-kawża fil-mertu. Kull ma jinħtieġlu jagħmel hu li juri li għandu jedd *prima facie*, ċjoe` r-rekwiżit numru (2) fuq imsemmi. Saru diversi attentati, kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, sabiex jiġi stabbilit sewwa sew xi jfisser jedd *prima facie.* Ovvjament qabel xejn irid ikun hemm **jedd**, u mhux sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib. Ġie ritenut li:

(i) **huwa rekwizit oġġettiv u mhux soġġettiv;** ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, **jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat**.[4] *Presupposto della tutela cautelare e` che il diritto fatto valere dal ricorrente sia di immediata evidenza e **non richieda complessi e approfonditi accertamenti istruttori, incompatibili con il carattere sommario della procedura urgente**[5].*

*Il procedimento cautelare si caratterizza per la pienezza del commando giudiziale anticipatore della sentenza di merito, pur comportando **sommarieta` dell'accertamento, ridotta possibilita` di contraditторio e particolare celerita`. La sommarieta` delle fasi di tale procedimento puo` essere giustificata solo dalla chiara accoglibilita` della domanda;** in tutti i casi in cui non esiste tale evidenza, la pretesa non puo` essere esaminata se non secondo i modelli istituzionalmente ordinari.*[6]

(ii) "Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-

[3] Rikors Numru 336/2005, Prim'Awla 29.07.2005 per Imħallef J.R. Micallef
[4] l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza Grech pro et noe vs Manfre` (Kollez. Vol. LXXII.II.295) ikkwotata minn George Galea vs Giovanni Elia Zammit Haber 09.05.2007 QM(Gh)GS-AE; Emanuel Bonnici v Anthony Bartolo 28.02.2007 Prim'Awla
[5] Trib. Milano 23-02-05 Breviaria Iuris, 7 ediz. pagna 2436
[6] Trib. Milano 22.09.2005, ord., G.d. 06 fasc. 18, 85 - Breviaria Iuris, Complemento Giurisprudenziale 2011 pagna 3073

kawża"[7].

(iii) costituisce *fumus boni iuris* sufficiente a comprovare la verosimiglianza del diritto leso quello risultante da una **precedente decisione di merito**, che avvalora le ragioni della ricorrente, ancorche` ottenuta contro un'altra parte.[8]

(iv) *... la tutela cautelare si colora di una dimensione fortemente ipotetica: essa viene richiesta ed offerta – con una incisione piu` o meno lieve sulla sfera giuridica del convenuto... in relazione ad un diritto che ancora non e` accertato esistente, perche` il processo di cognizione non si e` gia` concluso ed anzi talora non e` neppure iniziato... Questa dimensione ipotetica non significa, pero`, che qualunque affermazione di titolarita` di un diritto esposto, nelle more delle sua cognizione, a rischio di erosione valga ad aprire le porte alla tutela cautelare e corrispondentemente a consentire una intrusione degli organi giudiziari nella sfera giuridica di un soggetto in capo al quale non consta ancora alcun obbligo violato. Se cosi` fosse, la legge procedurale avrebbe posto le premesse per abusi, strumentalizzazioni, financo ricatti.*

***Occorre dunque delineare una soglia di plausibilita`*** *per la pretesa di merito del ricorrente cautelare, rilevabile a prima vista o comunque sulla base di una cognizione sommaria che possa svolgersi senza indugio. Al di sotto di tale soglia, a nulla varrebbe per lui dimostrare rischi e pericoli cui andrebbe esposto sena l'intervento cautelare del giudice, poiche` quei pregiudizi non potrebbero rivestire alcuna valenza di possibile antigiuridicita`.*

*Nella non breve storia della tutela cautelare, tale scrutinio preliminare in iure e` stato tradizionalmente chiamato valutazione del fumus boni iuris, formula certo inelegante ma di immediate carica evocativa:* ***la pretesa di merito del ricorrente cautelare... deve essere suscettibile di una delibazione non immediatamente sfavorevole.*** *In altre parole, deve apparire chiaro che il*

[7] Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti tas-27 ta' Ġunju 2002 per Onor Imħallef Dr. R. C. Pace
[8] Trib. Mendovi 25.10.1995, D. Ind. 199 - Breviaria Iuris, Complemento Giurisprudenziale 2011 pagna 3073

*richiedente potra`-* ***con qualche seppur approssimativa plausibilita`*** [9] *- risultare titolare del diritto che vuol vedere subito protetto e cosi` alla fine vincitore nell'eventuale giudizio di cognizione sul merito.*[10]

(v) Skont ir-raba' edizzjoni riveduta tal-**Black's Law Dictionary, 1968:**

**prima facie.** Lat. *At first sight; on the first appearance; on the face of it; so far as can be judged from the first disclosure; presumably; a fact presumed to be true unless disproved by some evidence to the contrary.*[11]

**prima facie case.** *Such as will suffice until contradicted and overcome by other evidence.*[12] *A case which has proceeded upon sufficient proof to that stage where it will support finding if evidence to contrary is disregarded.*[13]

*A litigating party is said to have a prima facie case when the evidence in his favour is sufficiently strong for his opponent to be called on to answer it. A prima facie case, then, is one which is established by sufficient evidence, and can be overthrown only by rebutting evidence adduced on the other side.* [14]

Illi l-kuntratt fuq imsemmi esibit mir-rikorrent juri mal-ewwel daqqa t'għajn li r-rikorrent għandu dritt x'jipproteġi u li jista' jiddeduċi f'ġudizzju fil-mertu; il-kuntratt huwa wieħed pubbliku u għalhekk huwa fih innifsu prova suffiċjenti tal-kontenut tiegħu. Fih hemm imniżżel ċar u tond ix-xorta u l-ammont preċiż tal-kreditu pretiż mir-rikorrent. Għalhekk m'hemmx dubbju li r-rikorrent wasal għall-grad ta' prova meħtieġa fi proċediment kawtelatorju; wera b'mod verosimili li għandu dritt x'jipproteġi u li jekk ma jiġix ribattut mill-intimata, ikun biżżejjed biex jiġi ppruvat. Dan iżda huwa kompitu tal-kawża fil-mertu u, taħseb

[9] enfasi miżjudin minn din il-Qorti
[10] Claudio Consolo, Spiegazioni di diritto processuale civile, Vol I – *Le tutele (di merito, sommarie ed esecutive) e il rapporto giuridico processuale* – 2015, paġna 211
[11] State ex rel. Herbert v. Whims, 68 Ohio App. 39, 38 N.E.2d 596, 599
[12] Pacific Telephone & Telegraph Co. v. Wallace, 158 Or. 210, 75, P.2d 942, 947
[13] in re Hoagland's Estate, 126 Neb 377, 253 N.W. 416
[14] Mozley & Whitley's Law Dictionary, 11th edition, 1993. And see State v. Hardelein, 169 Mo.579, 70 S.W. 130; State v. Lawlor, 28 Minn. 216, 9 N.W.698

x'taħseb din il-Qorti, ma tistax tinoltra ruħha oltre ġaladarba r-rikorrent laħaq dan il-livell ta' prova.

Illi stante li l-intimata ma eċċepietx in-nuqqas tal-ewwel (l-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent) u t-tielet (mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent) elementi rikjesti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni u għalhekk il-Qorti tista' tqis li l-intimata aċċettat is-sussistenza tagħhom; *del resto* ma tistax tmur oltre l-limiti tal-kontestazzjoni, lanqas fi proċediment kawtelatorju. Għalhekk il-Qorti ssib li jikkonkorru l-elementi kollha biex ir-rikors jista' jiġi milqugħ. Naturalment b'dan lanqas remotament ma qiegħdha timplika li r-rikorrent għandu raġun fil-mertu, jew li l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet validi fil-mertu biex tipparalizza l-pretenzjoni tar-rikorrent. Fi kliem l-imsemmi wisq għaref Imħallef "jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru"[15];

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposta tagħhom, l-intimati laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi sostnew: (i) li r-rikorrenti diġa` kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fl-ammont esorbitanti ta' €900,000 quddiem imħallef differenti. Dan hu abbuż tal-proċeduri. Din il-kawża għandha timxi mal-kawża fil-mertu biex il-Qorti jkollha stampa iktar ċara tal-kwistjoni.

Illi l-fatt li r-rikorrenti kisbet ukoll il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru bl-ebda mod ma jimpediha milli tikseb ukoll il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni billi hija għandha jedd tikkawtela l-pretenzjoni tagħha bl-aqwa mod, u ċjoe` billi tippreżerva l-ħaġa nnifisha li għandha pretenzjoni fuqha, biex f'każ ta' eżitu favorevoli fil-kawża opportuna, tkun tista' titlob l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni nnifsha; min-naħa l-oħra bis-sekwestru kull ma tikkawtela hija somma għall-eventwali danni. Jekk

[15] Rikors Numru 336/2005, Prim'Awla 29.07.2005 per Imħallef J.R. Micallef

imbagħad il-mandat ta' sekwestru jirriżulta eċċessiv, anke in vista tal-ilqugħ ta' dan il-mandat t'inibizzjoni, ma jkun hemm xejn x'iżomm lill-intimati milli jitolbu r-rikors revoka għal dak il-mandat (kif fil-fatt jistqarru li qegħdin jagħmlu).

Illi l-liġi ma tesiġix li l-imħallef tal-mertu jisma' wkoll il-proċedura kawtelatorja; kull ma tagħmel hu tobbliga lill-eżekutat li jitlob ir-revoka ta' mandat kawtelatorju, li jippreżenta t-talba tiegħu quddiem dik il-Qorti li tkun qiegħdha titratta l-kawża fil-mertu jekk tkun infetħet kawża (Artiklu 836(1) Kap. 12)

Illi għalhekk din il-Qorti m'hi tara l-ebda ksur tal-jedd ta' smiegħ xieraq tal-intimati;

(ii) <u>li ma saret l-ebda interprellazzjoni fir-rigward</u>.

B'danakollu, m'hemm l-ebda ħtieġa fil-liġi li tiġi ppreżentata interpellazzjoni biex il-konvenuti jersqu għall-att definittiv qabel setgħet saret it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat; u għalhekk din ir-raġuni m'għandha fundament fil-liġi;

(iii) <u>m'hemm l-ebda rabta bejn dan ir-rikors u l-kawża għad-danni.</u>

Illi ilwaqt li jista' jkun minnu li m'hemm l-ebda rabta bejn il-jedd li r-rikorrenti trid tikkawtela b'din il-proċedura u l-jedd pretiż fil-kawża għad-danni li fetħet, dan mhux ostaklu għall-ħruġ ta' dan il-mandat li jekk ikun il-każ dejjem jista' jiġi segwit mill-ftuh ta' kawża opportuna fit-terminu konċess mil-liġi;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju fil-mertu.

Mogħti kameralment fl-14 ta' Novembru 2018.

Tordna komunika immedjata ta' dan il-Mandat lir-Registratur biex jinnotifikah fit-terminu mogħti mil-liġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Onor. Imħallef Grazio Mercieca